LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

LULJU 2019 – Ħarġa Nru: 172



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

# IŻ-ŻMIEN QSAR…!

Hekk ta x'jifhmu l-Papa Frangisku lil numru ta' Ministri tal-Finanzi minn madwar id-dinja, waqt seminar organizzat mis-Santa Sede dwar l-effetti tat-tibdil tal-klima. Jekk mhux se nieħdu azzjoni, ninsabu resqin lejn katastrofi dinjija! Forsi jkun hemm min jgħid: Mela l-Papa xi xjentist? Dan qed jallarma d-dinja? Il-Papa mhux fuq ħwejjeġ duttrinali u morali għandu jitkellem?

Sa ftit żmien ilu, min kien jgħid li t-tibdil fil-klima huwa l-kaġun ta' ħafna diżastri naturali, kienu kważi jgħadduh biż-żmien. Illum nafu li dan sar rejaltà! Sa ftit żmien ilu, dawk li kienu jsemmgħu leħenhom dwar l-ambjent, kienu jaħsbuhom xi erba' boloh jew iffissati li m'għandhomx x'jagħmlu. Illum nistgħu ngħidu li l-ħarsien tal-ambjent jidħol f'kull manifest elettorali!



**Tfajla b'impenn**

It-tfajla Svediża, Greta Thunberg, ftit tax-xhur ilu rnexxila tqabbad nar li ħa f'kemm ili ngħidlek, mal-ibliet ewropej. Hi waqqfet moviment imsejjah *Fridays for Future.* Qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, eluf ta' żgħażagħ għamlu protesti kbar sabiex il-politiċi jagħtu widen għas-sejħat tan-nies. Huma talbu li jridu ambjent nadif u li jinvestu aktar f'enerġija nadifa li tiġi mix-xemx, l-ilma u r-riħ.

U aħna, li m'aħniex politiċi, x'inhu sehemna f'dan kollu? L-ewwelnett, jeħtieġ li ninteressaw ruħna f'dak kollu li qed iniġġes l-ambjent u l-isforzi li qed isiru biex dan ma jitkompliex u t-tieni, rridu nagħtu sehemna biex allanqas insalvaw dak li hu slavabbli.

Issa li ġej is-sajf, kull familja, għaqda jew grupp, jorganzzaw diversi attivitajiet fuq barra. It-tendenza hi, li b'dak li norganizzaw, inkomplu nniġġsu l-ambjent bi ħsara għall-klima. Noqgħodu attenti fl-oggetti li nużaw u li nnaddfu meta nlestu, anke b'rispett għal dawk li jiġu warajna. Barra dan, għandna nikkontribwixxu għad-diversi inizjattivi li jittieħdu, bħas-separazzjoni tal-iskart, stallazzjoni tal-pannelli fotovoltajici, karozzi bl-elettriku u oħrajn.

**Kampanja ta' ġid**

Bħalissa qed issir ukoll kampanja qawwija dwar it-tnaqqis fl-użu tal-plastic, speċjalment biex insalvaw l-ibħra u l-oċejani tagħna. Huwa stmat

li sa s-sena 2050 se jkun hawn aktar plastic minn ħut fl-oċejani u l-ibħra tagħna! Tajjeb nifhmu li minn kull tmien fliexken tal-plastic mormija, tnejn biss jisfgħu riċiklati. Il-kumplament jispiċċaw fil-landfils jew fl-ibħra tagħna. Il-plastic, li hu materjal tossiku, kif nafu, jieħu anke mijiet ta’ snin biex jiddiżintegra. Barra minn hekk ħafna drabi, aħna nieklu minn dak il-plastic li qed jikkunsmaw il-ħlejjaq tal-baħar jew dak li jintefa’ fil-ħamrija tagħna.

Kemm għandna bżonn l-ewwelnett, li nedukaw lilna nfusna aħna l-adulti u fl-istess ħin, nedukaw lil uliedna! Dan għandu jsir kemm fid-djar tagħna kif ukoll fl-iskejjal u ċ-ċentri tad-duttrina. Illum hawn diversi metodi kif teduka, specjalment permezz tal-media soċjali. Nagħmlu użu tajjeb minnhom.

**Sehem il-Knisja**

Forsi nsaqsu: Xi jwassal biex anke l-Knisja tidħol b’ruħha u ġisimha f’din il-kampanja kontra t-tniġġis tal-ambjent u t-tibdil fil-klima? Tajjeb nifhmu li, dak kollu li jmiss lill-bniedem u jista’ jnaqqaslu d-dinjità tiegħu bħala bniedem, jinteressa wkoll lill-Knisja. Ma ninsewx li fil-Ktieb tal-Ġenesi, fir-rakkont tal-ħolqien, wara li Alla ħalaq id-dinja, tintuża’ l-frażi “U Alla ra li kollox kien sew ħafna”. Allura, dak kollu li Alla ra bħala “sew ħafna” se jeqirdu l-bniedem?

Ejjew, mela, naħsbu ftit dwar dan … u naġixxu!

***Dun Evan***

---

# KRIŻI LI SE TWASSAL GĦAL DIŻASTRU...

Il-Papa Franġisku dwar it-tibdil tal-klima:

“Dan is-suġġett huwa wieħed ta’ importanza kbira għall-umanità u għall-ħolqien kollu. Intom tinsabu hawn biex tgħinu ħa tieqaf kriżi li qed twassal lid-dinja għal diżastru.

Is-sinjali ta’ żmienna mhumiex sbieħ. L-investimenti fil-*fossil fuels* (iż-żejt estratt minn taħt l-art), qed ikomplu jiżdiedu, avolja x-xjentisti jgħidulna li ż-żjut għandhom jibqgħu taħt l-art. L-esperti, kontinwament jisħqu li l-ambjent jista’ jibbenefika ħafna mill-enerġija nadifa: mir-riħ, ix-xemx u l-ilma.

Madwar id-dinja qed naraw mewġiet ta’ sħanat kbar, nixfa, foresti maħkuma min-nirien, għargħar u ġrajjiet meterjoloġiċi estremi oħrajn: il-livell tal-baħar li qed jogħla, mard li jitfaċċa minn żmien għal żmien … Dawn il-problemi huma biss twissija minn qabel ta’ ħwejjeġ agħar li se jseħħu, jekk aħna ma naġixxux b’mod urġenti...”

*Minn diskors li l-Qdusija Tiegħu għamel lill-Ministri tal-Finanzi minn diversi pajjiżi waqt konferenza organizzata mis-Santa Sede dwar “Evidenzi ġodda dwar it-tibdil tal-klima”, 27 ta’ Mejju, 2019*



# X'SE NAGĦMLU...?

It-tibdil fil-klima diġà qed iħalli l-effetti tiegħu fuq id-dinja. Dawk l-effetti li x-xjentisti kienu wissew fl-imgħoddi li jistgħu jseħħu, qed narawhom jiġru fi żmienna: silġ li qed jinxtorob fil-Poli tad-dinja, nuqqas ta' silġ fuq l-ibħra u l-għadajjar li jwassal għal żjeda fil-livell tal-baħar kif ukoll perjodi ta' sħana itwal u aktar intensi.



Ix-xjentisti jkomplu jwissu li t-temperaturi se jibqgħu jogħlew fis-snin li ġejjin, l-aktar mill-gassijiet li jaslu sal-atmosfera u li jwasslu għal dak li jissejjaħ "l-effett serra". Dan qed iseħħ għax madwar id-dinja, inħolqot bħal tinda li qed iżżomm is-sħana tar-raġġi mix-xemx magħluqa taħtha! U dan kollu ġej mill-attività umana! Jekk innaqqsu l-livell tal-karbonju li ġej mill-gassijiet velenużi, dik it-tinda ma tibqax tinfirex u s-sħana tax-xemx ma tibqax magħluqa fl-atmosfera qisha f'ħabs! Il-bidla fil-klima mhux biss qed tikkontribwixxi għaż-żjieda fit-temperaturi, imma wkoll għal aktar temp estrem li qed jikkawża ħafna diżastri naturali.

**Fatti f'idejna**

Ix-xjentisti diġa ddokumentaw dawn l-effetti:

- Is-silġ li minn dejjem kien jeżisti, speċjalment fil-Poli tad-dinja qed jinħall kontinwament;
- Dan qed iwassal għal żjieda fil-livell tal-baħar li qed jogħla b'0.13 pulzier (3.2 millimetri) fis-sena. Din iż-żjieda qed isseħħ b'rata aktar mgħaġġla f'dawn l-aħħar snin;
- Iż-żjieda fit-temperaturi qed taffettwa l-ħajja tal-annimali li jgħixu fis-salvaġġ kif ukoll l-ambjenti tagħhom;
- Diversi speċi qed ikollhom jemigraw lejn postijiet oħra;
- L-ammont tax-xita u s-silġ żdiedu f'diversi reġjuni u qed jikkawża għargħar kbar. Reġjuni oħra qed jesperjenzaw nixfiet kbar li jwasslu għal ħruq ta' foresti, telfien ta' wċuħ kif ukoll nuqqas ta' ilma tax-xorb;
- Ċerti speċi bħal nemus, bram u insetti perikolużi għall-uċuh tar-raba', qed jiżdiedu. Ċerti insetti li jgħixu fl-qoxra tas-siġra, kaxkru eluf ta' tomniet ta' siġar fl-iStati Uniti.

Din il-bidla fil-klima twassal ukoll biex ikompli jiżdied il-fenomenu tal-immig-razzjoni. Dawk il-pajjizi li arthom qed issir dejjem aktar deżertifikata u li ma jistgħux jipproduċu prodotti minħabba n-nixfa, ħafna min-nies tagħhom qed jemigraw lejn pajjiżi oħra biex isibu x'jieklu.

**Aktar attenzjoni**

Jista' jkun li ma nafux biżżejjed x'effett qed tħalli fuq il-pjaneta t-tibdil fil-klima. Għandna bżonn li lkoll kemm aħna, ninfurmaw ruħna u nagħtu sehemna – anke jekk żgħir – biex neliminaw kemm jista' jkun, "l-effett serra". Dan iseħħ minħabba l-gassijiet velenużi mid-dħaħen tal-karozzi, miċ-ċmieni tal-fabbriki, tal-cruise liners, tal-ajrupalni u mill-inġenji kollha li jaħdmu biż-żejt.

Jalla d-dinja kollha tinduna bl-istat li tinsab fih qabel ma jkun tard wisq!

## NILTAQGĦU NHAR … LULJU 2019

**Tnejn 1:** Bejatu Nazju Falzon, kjeriku sekulari – Tifkira
**Erbgħa 3:** San Tumas, appostlu – Festa
**Sibt 6:** ***L-Ewwel Sibt bi tħejjija għall-Festa tal-Madonna tal-Grazzja.*** Fis-5.50pm kurunella, kant tas-Salve Regina, Antifona u Barka Sagramentali. Fis-6.15pm quddiesa kantata bl-omelija. Jieħu sehem il-kor Notre Dame (hekk ikomplu l-għaxar Sibtijiet li ġejjin). Imħeġġin intellgħu l-bnadar fuq il-bjut matul is-Sibtijiet.
**Ħadd 7:** **L-Erbatax-il Ħadd tas-sena**
**Ħamis 11:** San Benedittu, abbati u patrun tal-Ewropa – Festa
**Sibt 13:** *It-Tieni Sibt bi tħejjija għall-Festa tal-Grazzja.* Wara l-quddiesa tas-6.15pm, fis-santwarju jsir il-ftuħ tal-WIRJA dwar is-saċerdoti Djoċesani li huma minn Ħaż-Żabbar jew ħadmu f'Ħaż-Żabbar.
**Ħadd 14:** **Il-Ħmistax-il Ħadd tas-sena**
**Tnejn 15:** San Bonaventura, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Sibt 20:** *It-Tielet Sibt bi tħejjija għall-Festa tal-Grazzja*.
**Ħadd 21:** **Is-Sittax-il Ħadd tas-sena**
**Tnejn 22**: Santa Marija Maddalena – Festa
**Tlieta 23:** Santa Briġida, reliġjuża u patruna tal-Ewropa – Festa
**Ħamis 25:** San Ġakbu, appostlu – Festa
**Ġimgħa 26:** San Ġwakkin u Sant'Anna, ġenituri tal-Imqaddsa Verġni Marija – Tifkira O
**Sibt 27:** *Ir-Raba' Sibt bi tħejjija għall-festa tal-Grazzja*
**Ħadd 28:** **Is-Sbatax-il Ħadd tas-sena**
**Tnejn 29:** Santa Marta, Tifkira O
**Erbgħa 31:** San Injazju ta' Loyola, presbiteru – Tifkira O

## B'RIKONOXXIMENT...

Mis-sena l-oħra 'l hawn, qed nippruvaw intellgħu wirja fis-santwarju marbuta mal-Ewwel Sibt tal-Grazzja, b'suġġett partikulari. Is-sena l-oħra, bdejna billi esponejna l-vari li jinsabu fin-niċeċ tas-santwarju bil-pedestalli tagħhom. Din qanqlet ħafna interess fost dawk li żaruha.

Dis-sena, se norganizzaw wirja dwar is-SAĊERDOTI DJOĊESANI li huma minn Ħaż-Żabbar jew li ħadmu fil-parroċċa tagħna mill-1900 'l hawn, inkluż il-Kappillani. Stajna morna aktar 'l bogħod minn din id-data u xtaqna wkoll ninkludu s-saċerdoti reliġjużi, imma kien ikollna niftħu ħafna. Forsi wirja bħal din tista' ssir darb'oħra.

Barra r-ritratti tas-saċerdoti u xi tagħrif ieħor, fil-Wirja se jkun hemm oġġetti li tħallew minnhom lis-santwarju.

Il-Wirja se tinfetaħ, is-Sibt 13 ta' Lulju, wara l-quddiesa tas-6.15pm u tibqa' sejra sal-Ħadd 28 ta' Lulju, fil-knisja Arċipretali stess.

**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Francis Abela (71), John Vella (78), Rosario Buttigieg (69), Mary Grace Pace (78), Rita Paris (77), Grazio Bonavia (82), Paula Abela (84), Victor Seychell (72), Francis Abela (91), Antonio Grima (86), Joseph Micallef (80), Alfred Mifsud Bonnici (69), Giovanna Bugeja (92), Francesca Debono (94),